**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 004/2020**

**TP (l-ilmentatur)**

**vs**

**MAPFRE Middlesea p.l.c. (C 5553)**

**(il-provditur tas-servizz/l-assikurazzjoni)**

**Seduta tat-13 ta' Settembru 2021**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur jissottometti illi huwa kien inxurjat ghall-hsarat li seta' jsofri fil-post fejn kien joqghod. Jghid illi ghal xi Ottubru 2018 induna li xi madum fil-kamra tal-banju beda qisu jinqala' 'l barra minn mal-hajt.

Gab persuna li tqieghed il-madum u dan qallu li l-problema kienet qed tigri lejn madum iehor fil-qrib tal-madum li kienu qed juru d-difett.

F'Gunju 2019 gab perit li ghamel rapport dwar il-hsara u, peress li kien hemm il-periklu, u biex ma ssirx hsara aktar, gab xi haddiema sabiex jibdlu l-madum. Bidel il-madum mill-'frizja' 'l fuq peress li mill-frizja 'l isfel ma kienx hemm hsara hlief ghal xi xquq fis-sink li wkoll beda juri xi xquq.

Issottometta wkoll li ma basrux li kien ser ikun hemm din il-hsara kollha, izda huma ghamlu minn kollox sabiex jillimitaw id-danni billi bidlu biss il-madum mill-frizja 'l fuq u mhux il-madum kollu tal-kamra tal-banju.

Jghid li l-assikurazzjoni ghandha tpoggih fis-sitwazzjoni li kien fiha qabel ma grat il-hsara peress li dak li gara ma sehhx minhabba xi negligenza min-naha tieghu

jew minhabba xi *wear and tear*, izda minhabba xi eventwalità li ma kinetx mistennija bhalma gara fil-kaz tieghu.

Qed jitlob kumpens ta' €1,300 kif deskritt f'dokument li kien baghat lill-assikurazzjoni.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li ssottometta**:

Li permezz tal-prezenti ittra responsiva s-socjetà qed tirrespingi l-pretensjonijiet ta' TP stante li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-segwenti ragunijiet:

A) Sabiex tigi milqugha l-*claim*, irid jigi ddeterminat jekk il-polza tal-assikurazzjoni hix applikabbli. Dan ghaliex il-polza ma tipprovdix kopertura assoluta, izda l-kopertura tapplika biss sal-limiti li toffri l-polza. Il-polza tkun applikabbli jekk ir-raguni tal-hsara tigi stabbilita, u tali raguni ma taqax taht wahda mill-eskluzjonijiet tal-polza. L-oneru tal-provi fir-rigward tal-kawza tad-danni jaqa' fuq l-attur.

B) Il-polza (hawn annessa bhala Dok. MMS A, fi klawsola (iv) ta' pagna 13, tistipola bic-car li l-polza teskludi, fost ohrajn, danni sofferti minhabba:

   '... ***loss or damage caused by or resulting from*** *rust, corrosion, wet or dry rot, mould, vermin, insects, fungus, deterioration or wear and tear,* ***movement, settlement*** *or shrinkage, defect in construction or installation, faulty, defective or poor design or workmanship, latent defects, the use of faulty or defective materials,* ***the lack of or faulty maintenance****, depreciation, loss of value,* ***atmospheric or climatic conditions****, the action of light, ingress of water, any gradually operating cause, process of cleaning, washing, repair, alteration or restoration*.'

C) Il-Perit Tekniku nkarigat mis-socjetà rikorrenti sahaq li:

   '*Due to differential* ***thermal changes*** *in the building structure between the colder and hotter months, stresses build across the walls causing building movement that cause detachment of the wall tiles from the backing wall, with the result that the tiles arch outwards. This causes the grouting to crack and in some instance tiles fall off.*'

D) Fir-rapport tal-Perit Tekniku nkarigat mill-ilmentatur stess (hawn anness bhala Dok. MMS 8) gie ddikjarat li l-ilmentatur kien ilu mis-sajf tal-2018 li nduna li:

‘*a whole layer of tiles on one side of the wall was slightly popping outwards.’*

L-ilmentatur meta nduna bil-problemi la nkariga Perit (fil-fatt stenna kwazi sena biex jaghmel dan) u lanqas ma nforma s-socjetà assikuratrici bil-hsara u dan bi ksur tal-klawsola 3 taht il-*General Conditions*:

‘*As soon as **you** become aware of an event or cause that may lead to a claim under this **Policy, you** or **your** legal representatives must:*

i. *tell **us** immediately and provide **us** at **your** own expense all the information and help **we** need*; ...’.

E) Ghalkemm il-Perit Tekniku tal-ilmentatur qal li l-proprjetà kienet mizmuma tajba u mhux komuni dan l-agir tal-madum, qal ukoll li:

‘*Around the end of 2018 and early months of 2019 it was noted that such behaviour was even spreading along the other sides of the wall*’.

F’dan iz-zmien kollu l-ilmentatur baqa’ ma ha l-ebda mizura sabiex jew jipprevjeni li tkompli ssir aktar hsara jew addirittura jinforma lill-assikuratur tieghu. Fil-fatt, il-*claim* saret biss f’Settembru tal-2019 u, ghalhekk, aktar minn sena wara li s-Sur TP induna bil-hsara ghall-ewwel darba. F’dan il-perjodu d-danni komplew jizviluppaw b’mod estensiv u nxterdu.

Ghaldaqstant, u in vista tal-premess, l-esponenti titlob bir-rispett li l-ilment tas-Sur TP jigi michud u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a. Illi l-Perit inkarigat mill-ilmentatur ma nnegax li *climatic conditions* kienu l-kagun tad-danni, waqt li l-Perit tas-socjetà esponenti ssuggerixxa li l-kawza probabbli tad-danni kienet *climatic conditions*. Hsarat imgarba minhabba *climatic conditions* huma eskluzi minn kopertura taht il-polza, hekk kif digà spjegat f’punt B ta’ din ir-risposta;

b. Illi skont l-istqarrija tal-Perit Refalo, l-ilmentatur induna bl-ewwel hsara fis-sajf tal-2018, u bejn is-sena 2018 u s-sena 2019, id-danni zviluppaw b'mod tant estensiv li nxterdu man-nahat l-ohra tal-hitan. Dan jikkonferma li d-danni ngarbu b'mod gradwali jew minhabba kawza li topera gradwalment. Dawn it-tip ta' hsarat imgarba b'mod gradwali jew minhabba kawza li topera gradwalment huma espressament eskluzi mill-polza, hekk kif dedott f'Sezzjoni 1 a pagna 4 tal-polza (Dok. MMS A):

'***We*** *will not cover or pay for loss or damage:*

*i. which happens gradually.'*

c. L-ilmentatur ma ghamel xejn sabiex inaqqas id-danni meta nduna bil-hsara li kienet qed issir fil-proprjetà tieghu fis-sajf tal-2018, ma ha l-ebda azzjoni sabiex jipprevjeni li l-hsara tkompli tikber u sahansitra dam aktar minn sena sabiex jaghmel il-*claim* mas-socjetà assikuratrici esponenti u dan l-agir mhux biss ippregudika l-pozizzjoni tal-istess socjetà izda anke kiser l-obbligi tieghu fil-konfront tal-assikurazzjoni tieghu *ai termini* tal-polza kif hawn fuq spjegat.

B'hekk is-socjetà assikurattiva tissottometti li t-talba ghall-hlas hija eskluza *ai termini* tal-istess polza u m'hemmx lok li tigi milqugha l-*claim.*

**Sema' lill-partijiet u x-xhieda migjuba minnhom**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[1]

L-ilmentatur jghid li l-hsara li garrab fil-madum tal-kamra tal-banju sehh minghajr ma kienu qed jistennew u ma garax minhabba xi negligenza min- naha tieghu jew minhabba '*wear and tear*'.

[11] KAP. 555, Art. 19(3)(b)

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz jikkwota l-polza tal-assikurazzjoni u jsemmi diversi ragunijiet ghall-kagun tal-hsara fosthom:

'***movement, settlement, lack of faulty maintenance, atmospheric or climatic conditions'.***[2]

Dawn huma indikati fir-risposta bhala kwotazzjoni mill-polza u pprintjati b'linka skura. Jghid ukoll li l-hsara sehhet gradwalment u hsara li ssehh gradwalment mhix koperta. Barra minn hekk, l-ilmentatur ma hax passi immedjati u ma infurmax lill-provditur tas-servizz immedjatament kif ra l-hsara u, ghalhekk, ma llimitax il-hsara.

***Il-Verzjoni tal-Ilmentatur***

Fix-xhieda tieghu quddiem l-Arbitru,[3] l-ilmentatur spjega kif ra xi xquq fi ftit madum u ghall-bidu haseb li din kienet hsara biss fi ftit madum. Ghalhekk stenna ftit biex jara x'ser jigiri ghax, fi kliemu, kieku l-hsara kienet ser tkun wahda zghira lanqas biss kien jaghmel *claim* mal-assikurazzjoni.

Izda matul is-sena ra li din kien qed ikollha '*ripple effect'* u beda jinqala' aktar madum. Però, il-madum li nqala' kien mill-bordura 'l fuq. Il-perit tieghu kien ikkonferma li kellu jibdel dan il-madum ghaliex kien ta' periklu ghalihom.

Meta gie tal-madum u beda jaqla' maduma, bdew jinqalghu xi tnejn ohra maghha. Fejn kien hemm il-hsara irrangawh billi bidel il-madum, u fejn ma kienx hemm hsara hallewh kif kien. Is-sink kien faqqa' wkoll u ma kienx jaf kif anke s-sink faqqa'. Wara Ii gab lill-perit ghamel lista tal-affarijiet li nefaq u ghamel il-*claim.* Il-*claim* kienet xi 80% fil-mija biss ghaliex mhux kulhadd tah ricevuta meta hadmulu.

Tal-madum ma tahx raguni ghalfejn beda jinqala' l-madum. L-assikurazzjoni qaltlu li nqala' minhabba '*bad workmanship'*. Hu ma jaqbilx ma' dan ghax il-madum kien ilu mwahhal xi 18-il sena u qatt ma nqala' qabel.

Jghid ukoll li l-hsara ma sehhitx minhabba xi *leakage* tal-ilma ghax kieku kienu jaraw xi sinjali tal-ilma. Ma kienx '*bad workmanship'* ghaliex l-istess persuna wahhlitlu madum iehor f'kamra tal-banju ohra li ma gralha l-ebda hsara.

---

[2] *A Fol.* 42
[3] *A Fol.* 79-81

Jghid li min kien qed jaqlalu l-madum qallu li kieku l-madum kien imwahhal hazin kien jinqala' qabel. Hadd ma qallu x'kienet ir-raguni li nqala', lanqas il-perit.

Dwar dak li qaltlu l-assikurazzjoni, li kien ghamel il-*claim* tard, spjega li hu qatt ma basar li l-madum kien ser jiehu kollu. Dawk it-tliet madumiet li qabzu 'l barra hallihom ghax ma kinux ta' periklu. Kieku kienu dawk it-tliet madumiet biss kien ihallihom imma meta nfirex ried isib soluzzjoni ghaliex qalulu li kien ta' periklu.

Minn meta mbuzzaw it-tliet madumiet sakemm infirex il-madum ghaddew xi disa' xhur. Dan ikkonfermah anke waqt il-kontroezami meta qal li filwaqt li l-ewwel darba li nduna bit-tliet madumiet kien f'Awwissu 2018, il-hsara nfirxet f'daqqa lejn l-ahhar tal-istess sena. Jammetti li ma cempilx lill-assikurazzjoni mill-ewwel, però, dan ghamlu ghaliex l-ewwel ried jara x'kien ser jghidlu tal-madum u ma gietux f'rasu li jcemplilhom.

Il-*claim* ghamilha meta kellu l-ircevuti kollha, u wara li l-perit tieghu lesta l-*condition report.* Jghid li thabat mhux hazin biex isib iqabbel il-madum ta' 'l fuq mill-bordura u qatt ma basar li ghax ra tliet madumiet imqabbza kien ser jigi bzonn jaghmel *claim*.

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

Ghall-provditur tas-servizz xehed biss il-**Perit Alfred Grech** li spjega lill-Arbitru li hu ma kienx spezzjona l-post u r-rapport li ghamel lill-provditur tas-servizz kien lestih lejliet is-seduta. Xehed li hu kien ra r-rapport u r-ritratti tal-perit tal-ilmentatur u kkummenta fuqhom.

Ghalih kien iccaqlaq il-bini ghaliex anke bini li jkun ilu mibni jista' jistrieh u jiccaqlaq. Il-konkrit jibqa' jinxef sa 50 sena. Mir-ritratti seta' jara l-hajt imbewwaq 'il barra, jidher li l-hajt kollu inqata' u l-perit tal-ilmentatur qalilhom li kien hemm il-periklu u ma juzawx il-kamra tal-banju.

Peress li l-bini jespandi, min iwahhal il-madum irid ihalli ftit spazju fl-ahhar biex il-madum ikollu fejn jaghmel il-moviment. Jghid li galadarba l-madum inqala' ma kienx fih *adhesive.* Però, bhala prassi, 20 sena ilu ma kinux isiru *expansion joints.*

Jghid li l-kaz tal-ilmentatur ma kienx *wear and tear* izda caqliq tal-bini li hadd m'ghandu kontroll fuqu. La l-madum inqala' shih u mhux inqasam ifisser li ma kellux *adhesion.*

Però, jiddikjara li:

'*Il-fatt li serva tmintax-il sena, nghid li bhala tiler, hadem kif nahdmu normali. Li qed nghid hu li bil-building movement, il-hajt nqala' kollu'.*[4]

Jispjega li ghalkemm kmamar ohra ma gralhom xejn,

'*meta ghandek stresses, it is a very complex thing … certi areas ikollhom stress u areas ohra ma jkollhomx stress'.*

Dwar ir-raguni tal-hsara huwa jikkonkludi li ghalih l-aktar raguni plawsibbli kienet li strah jew iccaqlaq il-bini izda

*'nghid li ma nistax nispjegaha fis-sens li it is very complex and I do not see any other plausible reason.'*[5]

**Prova tad-dannu u tal-eskluzjonijiet tal-polza**

L-assikurat ghandu jipprova d-dannu li garrab u li dan id-dannu huwa kopert bil-polza. Min-naha l-ohra, l-eskluzjonijiet li permezz taghhom il-provditur tas-servizz jiggustifika ir-rifjut tal-*claim* a bazi tal-istess eskluzjonijiet, irid jippruvahom il-provditur tas-servizz.

F'dan ir-rigward, il-Qrati taghna sostnew li galadarba l-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa kuntratt bilaterali ibbazat fuq l-assikurazzjoni ta' riskju determinat, sabiex l-assikurazzjoni ma thallasx ghad-danni kkagunati minn dak ir-riskju ghax hemm eskluzjoni fil-polza li tiggustifika r-rifjut ta' *claim,* l-assikurazzjoni trid tipprova dan skont il-fatti tal-kaz.

Hekk, per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet ***Randolph Muscat u martu Carmen vs Citadel Insurance plc,***[6] il-Qorti tal-Appell iddecidiet li l-assikurazzjoni ma kienx irnexxielha tipprova l-eskluzjonijiet li a bazi taghhom irrifjutat il-*claim*.

L-Arbitru ser jimxi ma' dan il-principju li llum hu stabbilit kullimkien anke f'gurisdizzjonijiet barranin, u ser jara jekk l-ilmentatur irnexxilux jipprova li garrab dannu li hu assikurat u jekk l-assikurazzjoni irnexxilhiex tipprova l-eskluzjonijiet li qed tressaq.

[4] *A Fol.* 87
[5] *A Fol.* 88
[6] QA (inf), 16/03/2018

**Prova tad-dannu**

M'hemmx dubju li d-dannu li qed jghid li sofra l-ilmentatur hija l-ispiza li hu ghamel minhabba hsara li gratlu fil-madum tal-kamra tal-banju peress li xi madum inqala' u xxaqqaqlu s-sink tal-istess kamra. L-assikurazzjoni mhix tikkontesta li dannu bhal dan mhux assikurat izda tinsisti li dan id-dannu huwa eskluz taht l-eskluzjonijiet generali tal-polza u taht is-sezzjoni *Buildings and Contents.* Ma tghidx li d-dannu ma sehhx jew ma kienx assikurat.

Ghalhekk, l-Arbitru jqis li l-ilmentatur irnexxielu jipprova li d-dannu kien assikurat izda jibqa' li l-Arbitru jrid jara jekk dan ir-riskju huwiex kolpit bl-eskluzjonijiet tal-polza kif qed tinsisti l-assikurazzjoni.

**Prova tal-eskluzjonijiet**

Il-provditur tas-servizz jaghti diversi ragunijiet ghalfejn qed jirrifjuta l-*claim* billi jikkowta klawsola (iv) ta' pagna 13 tal-polza, fejn jindika b'tipa skura:

'***movement, settlement ... the lack of or faulty maintenance … atmospheric conditions,'***[7]

u jsemmi wkoll

*'due to* ***differential thermal changes in the building structur****e between the colder and the hotter months, stresses build across the walls causing building movement that cause the detachment of the wall tiles from the backing wall ...*[8]*'.*

Jikkwota wkoll klawsola 3 tal-*General Conditions* li:

*'As soon as* ***you*** *become aware of an event or cause that may lead to a claim under this* ***policy*** *you or your legal representative must:*

*i. Tell* ***us*** *immediately and provide* ***us*** *at* ***your*** *expense all the information and help* ***we*** *need.'*

Ukoll, f'sezzjoni 1 ta' pagna 4 tal-polza, taht *Buildings and Contents* hemm:

*'We will not cover or pay for loss or damage:*

[7] *A Fol.* 42
[8] *A Fol.* 12

i. *Which happens gradually or is caused by smoke ...'*

L-Arbitru ra sew il-korrispondenza li ghaddiet bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz qabel sar l-ilment quddiem l-Arbitru fid-9 ta' Jannar 2020. L-Arbitru jinnota li l-ewwel reazzjoni tal-provditur tas-servizz ghall-*claim* li ghamel l-ilmentatur kienet f'*email* datat 27 ta' Novembru 2019, fejn ir-ragunijiet li ssemmew b'tipa grassa kienu:

'***defective or poor design or workmanship ... or climatic conditions'.***[9]

Wara li l-ilmentatur ikkontesta dawn ir-ragunijiet[10] ghaliex qal li kieku kien hemm '*bad workmanship'* il-madum kien jinqala' qabel u l-'*climatic conditions'* ma nbidlux, il-provditur tas-servizz wiegeb[11] li skont il-perit tieghu rega' sostna li:

'*due to differential thermal changes in the building structure between the colder and the hotter months, stresses build across the walls causing building movement that cause the detachment of the wall tiles from the backing wall, with the result that the tiles arch outwards.'*

Imbaghad, quddiem l-Arbitru, il-perit imqabbad mill-istess provditur tas-servizz jaghmel l-akbar enfasi fuq il-moviment tal-bini u ma jsemmix ragunijiet klimatici izda aktar li l-konkrit idum ma jinxef u jkun *stress* fuq il-bini li jgieghel lill-madum jicccaqlaq.

Dwar jekk it-*tile layer* kienx hadem sew, l-istess perit filli jghid li kellu jsir l-*adhesive* mal-madum, u filli jghid li fiz-zmien li twahhal il-madum, it-*tile layer* uza l-prassi ta' dak iz-zmien.

Barra minn hekk, il-perit imqabbad mill-provditur tas-servizz la ghamel access fuq il-post in kwistjoni u wkoll xehed b'mod generiku u qal x'jista' jigri f'cirkostanzi simili aktar milli kien specifiku dwar il-kaz in kwistjoni.

Mill-assjem tal-provi imressqa mill-provditur tas-servizz, l-Arbitru ma jistax ma jinnotax kif il-provditur tas-servizz l-ewwel beda r-rifjut fuq zewg istanzi mislutin

---

[9] *A Fol*. 21-22
[10] *A Fol*. 20-21
[11] *A Fol.* 19

mill-*exclusions* generali tal-polza, imbaghad, il-perit inkarigat minnu stess ma harigx bl-istess verzjoni.

Ghalhekk, ir-ragunijiet li tat l-assikurazzjoni, jigifieri, dawk imsemmija f'pagna 13 taht *General Exclusions* (iv) ma gewx ippruvati.

Il-provditur tas-servizz jghid ukoll li skont sezzjoni 1 ta' pagna 4 tal-polza, taht *Buildings and Contents* hemm:

**'*We will not cover or pay for loss or damage:***

***i. Which happens gradually or is caused by smoke …'***

Il-hsara li garrab l-ilmentatur kienet tikkonsisti kemm fil-madum tal-kamra tal-banju **kif ukoll fis-sink tal-istess kamra.**

Jghid li l-ewwel li nduna li tliet madumiet kienu zbuzzaw 'il barra u **kien hemm ukoll faqqatura fis-sink.**

Hadd mill-periti mqabbda mill-partijiet ma ta raguni konkreta u specifika tal-kawza tad-dannu, però, li hu zgur hu li f'Settembru 2018, l-ilmentatur ra madum kemm imcaqlaq minn postu (imbuzzat) kif ukoll faqqatura fis-sink. Din il-faqqatura fis-sink hija xi haga indipendenti minn kif seta' kien imwahhal il-madum u, ghalhekk, huwa probabbli li gara xi haga accidentali li affettwat kemm il-madum kif ukoll is-sink.

Ghalhekk il-kawza tad-dannu sehhet fil-mument jew ftit qabel ma l-ilmentatur induna b'dan. Il-fatt li l-hsara infirxet ma' aktar madum ma jfissirx li l-**kawza tal-hsara** li sehhet fil-madum u fis-sink grat gradwalment.

Il-madum qatt ma kien inqala' qabel; is-sink qatt ma faqqa' qabel, u dan juri li l-kawza tal-hsara kienet wahda accidentali u, ghalhekk, koperta bil-polza.

Tajjeb li jinghad li l-***proximate cause*** ta' accident mhux bilfors li jkollha l-effett taghha b'mod immedjat u l-effett ta' ***proximate cause*** jista' jiehu anke z-zmien biex javvera ruhu.

Il-*proximate cause* hija dik li effettivament holqot id-dannu.

John Birds fil-ktieb *Birds Modern Insurance Law*[12] jghid:

*'The proximate cause does not, however, mean the last cause but the effective or dominant or real cause. Working out what is the proximate cause in any situation is strictly a question of fact'.*

Ghalhekk wiehed irid ihares lejn il-polza specifika tal-kaz u l-fatti u c-cirkostanzi specifici tal-istess kaz.

Fil-polza '*accidental damage'* huwa definit bhala:

***'damage caused suddenly and unexpectedly by external means other than your deliberate act.'***

L-ilmentatur ipprova li l-madum kien ilu mwahhal 18-il sena, u f'dan il-perjodu kollu qatt ma kellu xi problema fih. Ix-xhieda tieghu, li mhix kontradetta, hija fis-sens li l-kawza tal-hsara grat f'mument partikolari kemm fil-madum u kemm fis-sink; u l-fatt li stenna biex jaghmel il-*claim* kien dovut ghall-fatt li, peress li l-ewwel sinjali tal-hsara kienu insinifikanti, kieku l-hsara waqfet hemm lanqas biss kien jaghmel *claim.* Imma l-hsara li sehhet f'mument partikolari kompliet tinfirex. Il-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova li l-hsara saret b'mod deliberat mill-ilmentatur imma semmiet ragunijiet ohra kif spjegat aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.

Kif qalet sew il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance p.l.c.,* QA, 14/05/2004,**[13] huma dawn ir-riskji accidentali li huma l-qofol tal-kuntratt tal-assikurazzjoni:

'*Kif inghad hawn fuq bil-hrug tal-polza ta' assikurazzjoni s-socjetà assikuratrici tassumi l-obbligu li tindenizza lill-assikurat taghha ghall-event futur dannuz. Din l-obbligazzjoni ghalhekk hija wahda kazwali billi taghmel l-obbligazzjoni tiddependi minn grajja ta' bla hsieb li ma tkunx fis-setgha la tad-debitur u lanqas tal-kreditur*.'

F'dan il-kaz jirrizulta b'mod car li l-ilmentatur sofra dannu kemm fil-madum kif ukoll fis-sink minhabba xi raguni li hu ma kellux kontroll fuqha. Barra minn hekk,

[12] (Sweet and Maxwell, 2016) 264
[13] QA, 14/05/2004

il-provditur tas-servizz ma rnexxilux jipprova b'mod konkret u specifiku l-eskluzjonijiet li hu semma.

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell, l-Arbitru mhux tenut li jidhol fi kwistjonijiet ohra u jipprova jsib hu xi raguni ohra biex l-assikurazzjoni ma tonorax il-*claim*:

*'Ovvjament m'huwiex il-kompitu tal-qorti biex tikkunsidra jekk kienx hemm xi exclusion ohra li kellha tapplika ghall-kaz in ezami. Il-qorti trid tibbaza d-decizjoni fuq id-difiza li nghatat mill-konvenuta u mhux tfittex xi raguni differenti minn dik li tat il-konvenuta fit-twegiba li pprezentat.'*[14]

L-Arbitru li fuq kollox irid jasal ghad-decizjoni fuq dak li hu gust, ekwu u ragonevoli, ma jistax ma jinnutax l-agir tal-ilmentatur li kif dovut minn kull assikurat, illimita t-talba tieghu ghad-danni billi bidel biss dak il-madum li kien mehtieg u salva l-madum l-iehor li ma gratlux hsara. F'kelma wahda, ma approfittax ruhu mill-incident li kellu sabiex jaghmel kamra tal-banju gdida izda talab biss ghad-dannu attwali li sofra.

**Decizjoni**

**Ghar-ragunijiet kollha moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru jhoss li l-assikurazzjoni ma pprovatx li kellha raguni gustifikata sabiex ma tonorax il-*claim.* Ghaldaqstant, l-Arbitru jiddeciedi li dan l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu.**

**Kumpens**

L-ilmentatur talab fl-ilment tieghu is-somma ta' €1,300. Dan l-ammont mhux kontestat mill-provditur tas-servizz u gie spjegat tajjeb f'pagna 8 tal-process.

Ghalhekk l-Arbitru jqis li dan l-ammont huwa wiehed gust.

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artiklu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *MAPFRE Middlesea p.l.c.* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' elf u tliet mitt ewro.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

[14] *Randolph Muscat u martu Carmen vs Citadel Insurance plc*, QA, 16/03/2018

**L-ispejjez ta' din il-procedura huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**